# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Mejju, 2025.**

**Numru 5**

**Rikors numru 145/21/1 AGV**

**Z1**

**v.**

**Z2**

**Il-Qorti:**

Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur wara deċiżjoni tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) mogħtija nhar il-15 ta' Ottubru, 2024 f'kawża għad-dekadenza tal-konvenuta mill-jedd għall-manteniment stipulat f'kuntratt ta' separazzjoni personali konsenswali. Għalkemm il-Qorti tal-Familja sabet li wara l-kuntratt tas-separazzjoni l-konvenuta kkommettiet

adulterju, ordnat id-dekadenza b'effett mid-data tas-sentenza appellata u mhux minn meta l-konvenuta bdiet ir-relazzjoni intima tagħha mat-terz.

**Preliminari**

1. Permezz ta' rikors ġuramentat ippreżentat quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) (l-Ewwel Qorti jew il-Qorti tal-Familja) fit-28 ta' Mejju, 2021, Z1 (l-Attur) fisser:

> "1. Illi permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru 2009, fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Smith La Rosa l-attur u l-konvenuta sseparaw personalment minn xulxin skond il-kundizzjonijiet u termini msemmija fl-istess kuntratt u abbazi tal-fatt li l-hajja konjugali bejnithom saret impossibbli u z-zwieg taghhom falla u dana ghal ragunijiet kontemplati fil-Ligi u li minhabba fihom huma ntitolati li jisseparaw.
>
> 2. Illi skond il-klawsola erbgha (4)(ii) tal-istess kuntratt l-attur obbliga ruhu li jhallas lill-konvenuta bhala manteniment ghaliha s-somma ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar liema somma tinghata bhala manteniment lill-mara.
>
> 3. Illi l-attur skopra li l-konvenuta kienet adultera u li ghandha relazzjoni ma' ragel iehor liema relazzjoni ilha ghaddejja ghal bosta snin.
>
> 4. Illi l-agir fuq imsemmi tal-konvenuta jikkostitwixxi adulterju fit-termini tal-Artikolu 38 tal-Kodici Civili u jintitola lill-esponent li jipproponi din l-istanza sabiex jottjeni dikjarazzjoni li martu ddekadiet mid-dritt li tircievi manteniment minghandu.
>
> 5. Illi *nonostante* din r-relazzjoni adultera u aperta mal-imsemmi PC, il-konvenuta mhux biss irrifjutat li tersaq ghal medjazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni sabiex jitnehha l-obbligu tal-attur li jkompli jhallasha manteniment, izda talli baqghet tinsisti ghall-hlas tal-istess manteniment u dan waqt ir-relazzjoni mal-imsemmi PC.
>
> 6. Illi l-esponent gie awtorizzat jippromuovi din l-istanza permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti."

2. It-talbiet tal-attur quddiem l-Ewwel Qorti huma kif ġej:

"1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba l-adulterju kommess mill-konvenuta fuq l-imsemmi.

2. Tistabbilixxi d-data li fih gie kommess l-adulterju u konsegwentement tiddikjara illi l-konvenuta permantement iddekadiet mid-dritt li tircievi manteniment minghand zewgha b`effett mid-data fuq stabbilita jew b`effett minn kwalsiasi data ohra li jidhrilha xierqa u opportuna.

3. Tiddeciedi li b`effett mid-data hawn fuq imsemmija illi d-dritt tal-istess konvenuta li tezercita l-manteniment ghaliha minghand l-esponenti *ai termini* tal-kuntratt ta' separazzjoni li gie maghmul bejn il-partijiet, kif gie spjegat fil-25 ta' Settembru tas-sena 2009.

4. Tillikwida l-manteniment li jirrizulta, ghalhekk li gie mhallas indebitament mill-esponent lill-konvenuta mid-data li fija jkun stabbiliti li hija rrendiet ruhha hatja ta' adulterju fil-konfront tieghu sad-data tas-sentenza u jew data verjuri li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tistabilixxi.

5. Tordna lill-konvenuta li thallas lura lill-esponent il-manteniment li jirrizulta li thallas lilha mill-esponent indebitament flimkien mal-imghax legali relattiv u kif ukoll sabiex tirrifondi lill-attur dik is-somma li tigi stabbilita bhala rifondabbli lilu *ai termini* tal-Artikolu 25 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni."

3. B'risposta ġuramentata tat-30 ta' Ġunju, 2021 Z (il-Konvenuta) laqgħat għall-azzjoni attriċi billi ressqet l-eċċezzjonijiet segwenti:

"1. In linea preliminari, l-irritwalita' u n-nullita' tal-proceduri odjerni *ai termini* tal-Artikolu 907(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi r-rikorrenti naqas milli jhallas lill-intimata l-ispejjez tal-kawza intavolata minnu quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, fl-istess ismijiet AC vs MC, Rikors guramentat numru 105/ 2014 AL liema kawza r-rikorrenti ceda fis-26 ta' April 2021 u sussegwentement ghal tali cessjoni il-Qorti permezz ta' digriet datat ukoll 26 ta' April accettat l-istess cessjoni, u kwindi astjeniet milli tiehu konkluzzjoni ulterjuri tal-

kawza u ordnat li tinqata' minn fuq il-lista (Dok. MC1 anness). Din l-imsemmija kawza 105/2014 AL kienet tikkoncerna l-manteniment tal-Mara ghaliha skond il-kuntratt tas-separazzjoni bejn il-partijiet li fiha r-rikorrenti kien qieghed jitlob illi jitwaqqaf il-manteniment tal-mara u fost affarijiet ohra fix-xhieda tieghu stess f`dawk l-atti indikata li l-mara kellha relazzjoni ma' PC (Dok. MC2 anness), in-natura fil-qofol tal-azzjoni odjerna hija l-istess bhala dik tal-azzjoni 105/2014 AL, li giet ceduta.

2. Illi minghajr pregudizzju ghal dak suespost, hawn *si tratta* ta' ftehim dwar pagament ta' manteniment per via ta' kuntratt ta' separazzjoni, mhux soggett ghal ebda kundizzjoni ghal pagament u jew waqfien tieghu bhal ma' gie ritenut diversi drabi mill-Qrati nostrani, ghal dak pattwit bejn il-konjugi f' separazzjoni ghandu japplika fermament il-principju ta' Pacta Sunt Servanda, Di piu, l-istess kuntratt jindika car li dak patwit, fis-separazzjoni ma jista' qatt jinbidel, ghal ebda raguni, kemm per esistenti kif ukoll sopravenjenti.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet numri 1 u 2 ghal dak li jirrigwarda l-mertu tal-kawza odjerna, din l-Onorabbli Qorti ghandha tilqa' l-ewwel talba sabiex tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet b `dana pero tali dikjarazzjoni ghandha tinghata ghal ragunijiet imputabbli lir-rikorrenti u ċjoè, minhabba adulterju kommess mir-rikorrenti fil-konfront tal-intimat li mhux talli wassal ghat-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg bejn il-partijiet u ghall-konsegwenti separazzjoni bonjarja tal-25 ta' Settembru 2009, fl-atti Tan-Nutar Dr. Joseph Smith La Rosa izda talli l-istess adulterju baqa' jigi kommess minnu anke wara z-zwieg sal-lum in vista tar-relazzjoni certa u adultera tieghu ma' D M li flimkien ma' binha SD jghixu flimkien mar-rikorrenti.

4. Illi ghar-rigward ghat-tieni talba rikorrenti, fil-waqt illi l-Qorti ghandha tilqa' l-istess talba f`dik il-parti fejn ghandha tista' stabbilita data li fiha gie kommess adulterju, dan ghandu jsir fir-rigward tar-rikorrenti innifsu *ai termini* tal-eccezzjoni numru 3 supra konsegwentament din l-Onorabbli Qorti ghandha filwaqt li tichad it-tieni talba rikorrenti fil-kumplament taghha, tezercita d-diskrezzjoni moghtija lilha favur l-intimat *ai termini* ta' l-Artikolu 52 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u billi taqta' u tiddeciedi illi hawn r-rikorrenti li permanentement iddekada mid-dritt li jircievi manteniment minghand il-mara rizultat tal-adulterju kommess minnu u mhux l-intimata.

Minghajr pregudizzju ghal dan eccepit, jekk din l-Onorabbli Qorti jidrilha li ghanda tilqa' it-tieni talba rikorrenti kif dedotta l-istess Qorti ghandha ukoll tapplika diskrezzjoni taghha *ai termini* tal-Artikolu 52 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta favur l-intimata billi tali dekadamenti ta' manteniment ghadha se mai tapplika mid-data tas-sentenza 'l quddiem u mhux retrovament u dana in kwantu r-rikorrenti, apparti l-adulterju tieghu ilu mis-sena 2011 jallega f' diversi proceduri inizjarji

minnu quddiem l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta illi l-intimata kienet f`relazzjoni mat-terza persuna PC, u dan *nonostante* ghamel dawn l-ahhar ghaxar snin li ilu jallega dan jaccetta dan il-fatt, u kien biss wara ghaxar snin ta' tali allegazzjoni li ddecieda li jmexxi bil-kawza odjerna u dana wara li fil-frattemp kien ilu 7 snin imexxi kawza kontra martu ghall-waqfien tal-manteniment taghha u kwindi l-accettazzjoni u l-inadempjenza tieghu f'dan iz-zmien kollu ghandu jimmilita kontra l-istess rikorrenti f'decizjoni mitluba minn din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tat-tieni talba rikorrenti fl-eventwalita' talba tintlaqa'.

5. Illi anki ghal dak li jirrigwarda t-tielet talba rikorrenti in linea ma' dak eccepit fl-eccezzjoni numru 4 supra, din it-tielet talba rikorrenti ghandha tigi michuda u minflok ghandu jigi deciz illi huwa r-rikorrenti li ddekada mid-dritt li jircievi manteniment minghand il-mara minn dik id-data li tigi stabbilita bhala d-data li huwa kkommetta adulterju fil-konfront taghha. Minghajr pregudizzju ghal dan suespost jigi rilevat, illi eventwalita' illi l-Qorti tilqa' it-tielet talba attrici, kif dedotta d-data li ghandha taghti ghal kwalsiasi dekadenza fir-rigward tal-intimata ghandha tkun id-data tas-sentenza 'l quddiem. Ghaldaqstant anki ghal dak li jirrigwarda t-tielet talba rikorrenti din il-Qorti ghandha tuza d-diskrezzjoni taghha favur l-intimata *ai termini* tal-Artikolu 52 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi r-raba' talba attrici ghandha tigi michuda fl-intjier taghha in kwantu l-intimata **QATT** ma thallset manteniment ghaliha mir-rikorrenti mis-separazzjoni bonarja tal-25 ta' Settembru 2009 sal-gurnata tal-lum izda ir-rikorrenti dejjem hallas u ghadu jhallas **biss** manteniment baziku ta' €400 minnu dovut ghat-tfal tieghu N u EC minghajr awmenti skond l-gholi tal-hajja u lanqas spejjez ta' sahha u edukazzjoni liema manteniment dejjem kien jghaddi ghandu sal-gurnata tal-lum direttament lit-tfal lanqas lir-rikorrenti, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

7. In vista ta' dak eccepit fir-rigward tar-raba' talba rikorrenti, anki l-hames talba rikorrenti ghandha tigi michuda fl-intier taghha stante illi l-intimata **QATT** ma thallset manteniment ghaliha mir-rikorrenti u kwindi huwa impossibbli li thallas lura u tirrifondi lir-rikorrenti dak li hija qatt ma rceviet minghandu ghaliha. Di piu maghdud ma' dan jigi rilevat, illi dik is-somma li tigi stabbilit bhala rifondabbli *ai termini* ta' l-Artikolu 25 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, hija legalment insostenibbli u ghandha tigi michuda in kwantu l-bazi ta' din it-talba ossia l-Artikolu 25(2) ma japplikax ghal kaz odjern, izda japplika biss ghall-manteniment provizorju mhallas pendente lite wara illi ssir talba ghal daqshekk lill-Qorti fi proceduri pendenti quddiemha u sussegwentement tali talba tigi michuda l-obbligu tar-rikorrenti sabiex ihallas il-manteniment lill-intimata jinsab ga kristallizat fil-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet tal-25 ta' Settembru 2009.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permissibbli bil-ligi."

4. B'sentenza mogħtija fil-15 ta' Ottubru, 2024 l-Ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

"1. Tilqa' l-ewwel talba attrici in parte, u ghalhekk tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba l-adulterju kommess kemm da parti tal-attur kif ukoll tal-konvenuta.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tiddikjara li l-konvenuta permanentement iddekadiet mid-dritt li tircievi manteniment minghand l-attur b'effett mid-data ta' dina s-sentenza u ċjoè l-15 ta' Ottubru, 2024.

3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tiddeciedi li b'effett mid-data ta' dina s-sentenza u ċjoè l-15 ta' Ottubru, 2024, spicca d-dritt tal-konvenuta li tezigi l-manteniment ghaliha minghand l-attur *ai termini* tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 25 ta' Settembru, 2009.

4. Tichad ir-raba u l-hames talba attrici ghar-ragunijiet suesposti.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati kwantu ghal tlitt kwarti mill-attur, u kwantu ghal kwart mill-konvenuta."

5. Ir-raġunijiet rilevanti għal dan l-appell li waslu lill-Ewwel Qorti tiddeċiedi b'dan il-mod kienu dawn:

"Jigi rilevat li fil-Kodici Civili taghna, mhuwiex specifikat illi kuntratt ta' separazzjoni personali jista' jigi emendat fl-eventwalita' ta' adulterju ta' xi parti. L-istess Kodici lanqas ma jaghti fakoltà' lil xi parti biex titlob lil Qorti tvarja l-provvedimenti stipulati f'kuntratt ta' separazzjoni personali rigwardanti l-manteniment, minkejja li jaghti l-istess fakulta' fuq klawzoli ohra, bhalma hu per ezempju l-kaz ta' kura u kustodja tal-ulied.

Kif ben tajjeb irrileva l-attur, l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili huwa l-artikolu relevanti ghad-dekadenza mill-manteniment u fuq kollox huwa marbut mad-dikjarazzjoni ta' htija f'kawza ta' separazzjoni.

L-insenjament dejjem kien li l-Qorti ma tistax tilqa' talba ghad-dikjarazzjoni tad-dekadenza fin-nuqqas ta' talba ghall-pronunzja tas-separazzjoni personali. Gie stabbilit ukoll li biex ragel mifrud minn ma' martu ikun esentat mill-obbligu tal-hlas tal-alimenti jrid qabel jaghmel

b'success kawza ta' separazzjoni personali fuq kawzali ta' adulterju li kienet eskluza fil-motivi tas-separazzjoni u issopraveniet wara.

[...]

Jirrizulta ghalhekk li *ai termini* tal-Artikolu 48, parti li tkun gia' legalment separata u tallega li l-parti l-ohra hija hatja ta' adulterju u konsegwentement iddekadiet mid-dritt taghha li tircievi manteniment, m'ghandhiex rimedju msejjes fil-Kodici Civili.

[…]

Mir-rizultanzi processwali l-adulterju qatt ma gie kkontestat mill-konvenuta li presentement qiedgha f'relazzjoni ma' PC. Tinnega li tghix mieghu pero' u tikkonferma li ghadha tghix id-dar flimkien ma' uliedha.

Il-verzjonjiet kontrastanti huma fir-rigward meta bdiet ir-relazzjoni bejn il-konvenuta u PC. Fix-xhieda taghha fl-2022, il-konvenuta stqarret illi kienet ilha ma' C, ghal disa' snin, kwazi ghaxar snin, li jfisser li dina r-relazzjoni bdiet ghall-habta tas-snin 2011/2012. Dina l-verzjoni hija kkorroborata ukoll minn CB, li ghalkemm kugina tal-attur, kienet ukoll habiba kbira tal-konvenuta sa miz-zmien l-iskola u tikkonferma li kienet konsapevoli li r-relazzjoni ma' C kienet bdiet xi xhur wara s-separazzjoni, pero' ma kinitx taf ezatt meta sseparaw.

Il-partijiet kienu sseparaw fl-2009 u huwa biss l-attur li jinsisti li l-konvenuta kienet bdiet ir-relazzjoni qabel is-separazzjoni, pero' l-indikazzjonijiet kollha juru li dina r-relazzjoni bdiet wara li gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni u ċjoè fis-sena 2012.

Ghalhekk, in vista ta' nuqqas ta' kontestazzjoni jirrizulta li l-adulterju gie ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi.

Huwa ben risaput ukoll li anke jekk kemm il-darba, koppja tissepara jekk permezz ta' sentenza jew tramite kuntratt konsenswali, jibqa' l-fatt li l-partijiet ghad ghandhom l-obbligu ta' fedeltà lejn xulxin u jekk dan l-obbligu ma jigix onorat, igib mieghu konsegwenzi kbar. Huwa hawn li l-Artikolu 48 jitlob l-applikazzjoni tassattiva fil-kaz ta' adulterju gialadarba jigi ppruvat u konsegwentement dik il-parti li hija hatja tiddekadi mid-dritt taghha li tircievi manteniment.

Il *punto sta* li f'dina l-kawza tressqu ukoll allegazzjonijiet li kien hemm adulterju kommess mill-attur ma' wahda certu C u kien hemm nisa ohra u dan huwa kkonfermat mill-prezenti siehba tal-attur DM. Bint il-partijiet N, ukoll tikkonferma li meta kienet izghar kienet tisma' l-glied bejn il-kontendenti u kien jikkoncerna ukoll, fost ohrajn, l-infedeltà ta' missierha u dan kien ferm qabel ma sseparaw.

Il-konvenuta stess tikkonferma li kienet ikkonfrontat lil din C li ammettiet ir-relazzjoni u li kienet anke toqghod f'appartament flimkien mal-attur. Ilverzjoni taghha hija kkorroborata minn CB, li tammetti li taf dawn il-fatti personalment ghaliex ghexithom flimkien mal-konvenuta gurnata b'gurnata.

[...]

Il-*fatto* sta li l-konvenuta hija vittma tal-adulterju tal-attur li kkommetta waqt iz-zwieg u minflok jippretendi li ghalkemm kellu u ghandu siehba wara s-separazzjoni dan ma kienx adulterju u l-konvenuta biss kienet l-adultera li ghandu jwassal ghad-dekadenza taghha mill-manteniment a vantagg tieghu. A bazi ta' dina d-diskrezzjoni dina l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tichad it-tieni u t-tielet talba.

Dina l-Qorti tkompli taqbel mas-sottomissjonijiet tal-konvenuta in kwantu li t-tieni u t-tielet talba ghandhom jigu respinti u dan minhabba "***n-nuqqas palezi da parti tal-attur ghal snin shah illi jindirizza dina il-kwistjoni tal-adulterju meta kien ben konxju taghha u meta allegaha hu stess u addiritura kien hu stess li ilmenta mid-dekadenza tal-manteniment snin shah ghandu jimmilita kontra l-istess attur***."

F'dan ir-rigward, dina l-Qorti taqbel mal-konvenuta li l-attur ilu minn Novembru, 2011 jikkontendi li l-konvenuta ghandha relazzjoni ma' PC u sadanittant dam jistenna ghaxar snin sabiex jintavola dawn il-proceduri.

Fil-frattemp beda bil-proceduri ta' medjazzjoni fit-30 ta' Novembru, 2011 fejn ghamel referenza ghar-relazzjoni tal-konvenuta. Dan gie segwit b'rikors fl-istess atti ta' medjazzjoni fejn ghamel referenza ghall-adulterju tal-konvenuta u l-konsegwenti dekadenza ghall-manteniment.

Dawn il-proceduri gew segwiti b'Rikors generali 44/13 bir-rikors promotur datat 30 ta' Jannar, 2013 jirreferi ghall-adulterju li gie a konoxxenza tieghu li lkoll gew michuda minn dina l-Qorti peress li l-attur kien ghazel il-proceduri zbaljati. Cio*nonostante*, rega' ghazel illi ma jiftahx proceduri ghad-dikjarazzjoni mill-gdid tas-separazzjoni minhabba adulterju u d-dekadenza li kien ilu jilmenta fuqu. Minflok fetah proceduri Rikors Nru. 105/14 fejn talab varjazzjoni fil-kuntratt ta' separazzjoni, liema kawza cediha wara seba' snin. Ghalkemm mhux l-ewwel darba f'dina l-kawza odjerna li semma' l-adulterju, b'mod sfaccat iddikjara li qed icedi l-kawza peress "***fil-provi jirrizulta l-adulterju tal-intimata u ghalhekk l-esponenti ghandu interess li jipprezenta kawza apposita li tirrifletti l-kawzali appositi u talbiet appoziti skond il-ligi***."

Tenut kont ta' dan kollu, dina l-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet raggunti mill-Qorti kif diversament ippreseduta fil-kawza AB vs DB, fejn il-Qorti qalet hekk:-

> "*Il-Qorti pero' ukoll fid-diskrezzjoni taghha ma thossx li ghandha tippenalizza lill-konvenuta daqshekk li tapplika d-dekadenza retroattivament. Hawn wiehed ghandu jghid illi l-attur ma ressaqx provi rigward l-ammont ta' flus li effettivament hallas mill-mument (jekk jista' jigi stabbilit) meta l-konvenuta kkommettiet l-adulterju*."

Ghaldaqstant, dina l-Qorti tirrespingi t-tieni u t-tielet talba, in kwantu tiddikjara d-dekadenza mid-data tas-sentenza u ċjoè l-15 ta' Ottubru, 2024 u mhux retroattivament.

**<u>Ir-Raba' u l-Hames Talbiet Attrici</u>**

F'dawn it-talbiet l-attur qed jippretendi li jigi rimborzat ghall-ammont ta' manteniment indebitament imhallas lill-konvenuta, wara li dina l-Qorti tillikwida l-istess ammont, kif ukoll tordna r-rifuzjoni ta' dina s-somma hekk likwidata kif ukoll rifuzjoni ta' kull somma ohra li hija rifondibbli lilu *ai termini* tal-Artikolu 25(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Inoltre, l-attur jindika li dina s-somma tammonta ghal €31,200 rapprezentanti 13-il sena li fihom allegatament il-konvenuta rceviet il-manteniment taghha ta' €200 fix-xahar/€2400 fis-sena waqt li kienet f'relazzjoni ma' PC.

Il-Qorti ser tikkunsidra dak li ssottometta l-attur u dak li ssottomettiet il-konvenuta sabiex tikkonkludi jekk l-attur irnexxielux jipprova soddisfacentement li hallas il-manteniment lill-konvenuta, gialadarba hemm kontestazzjoni li ma hallasha xejn minn meta sseparaw legalment.

Hemm diversi fatturi li ma jikkonvincux lil dina l-Qorti li l-attur huwa kredibbli u li ghalhekk mhux minnu li hallas manteniment dovut lill-konvenuta.

Primarjament, kien hemm okkazzjoni wahda fejn il-konvenuta ddecidiet li taghmel rapport fuq l-attur li mhux qed jottempera ruhu mal-ftehim fuq manteniment fil-kuntratt ta' separazzjoni. Hu jinsisti li kien wehel diversi multi in konsegwenza ta' dawn il-proceduri kriminali, izda l-verzjoni tieghu tirrizulta inveritiera u dan meta l-istess Stephania Calafato Testa in rapprezentanza tal-Qrati kkonfermat li ma rrizultawlha ebda multi li gew imposti fuq l-attur.

Oltre minn hekk Dr. Sarah Sultana, l-avukata li tippatrocinja lill-konvenuta kkonfermat *di scienza propria* li l-attur kien ghamel minn kollox sabiex jevita li jigi notifikat bil-proceduri kriminali li nfethu

kontrih, tant li l-proceduri waqghu bi preskrizzjoni. Dina l-Qorti mhux sorpriza peress li l-attur kien jahdem fil-pulizija u meta hareg bil-pensjoni kien spicca fir-rank ta' surgent u certament jaf ben tajjeb il-proceduri kriminali u x'jehtieg biex jittawwlu, tant li m'ghandhiex dubju li abbuza mis-sistema u l-konoxxenza tieghu.

Wara dan l-incident, tant kien sar theddid mill-attur fil-konfront tal-konvenuta, tant li bezghat u ma regghetx ghamlet rapporti u dan huwa kkonfermat mill-avukat taghha stess Dr.Sarah Sultana u ghalhekk il-Qorti tifhem ghalfejn ma regghetx infurzat il-hlas ta' manteniment.

Il-proceduri ta' divorzju mibdija u ceduti mill-attur ukoll jixhtu dawl ikrah fuq il-kreddibilita' tieghu. Sabiex tigi milqugha talba ghall-hall taz-zwieg jehtieg li jigu soddisfatti diversi kundizzjonjiet u ċjoè li m'hemmx cans ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, li ghaddew erba' snin minn meta sseparaw, kif ukoll li l-hlas ta' manteniment huwa saldat.

Il-konvenuta opponiet ghal tali divorzju, stante li l-attur ma kienx qed ihallas il-manteniment u ghaldaqstant kien jispetta ghall-attur biex jipprova li ma kienx hemm arretrati ta' manteniment.

Illi l-attur rinfaccjat b'dina l-kontestazzjoni tal-konvenuta m'ghamel xejn biex juri illi dak li kienet qed tallega l-konvenuta fir-rigward tal-manteniment ma kienx minnu, ma gabx il-provi tal-pagament minnu allegatament maghmula biex jikkontesta dak li sostniet il-konvenuta. Kien ghalhekk li fl-1 ta' Marzu, 2022 l-attur ipprezenta nota ta' cessjoni il-konfront tal-proceduri ta' divorzju.

Il-Qorti hija konvinta li l-attur ma kienx f'posizzjoni li jipprova li jhallas il-manteniement u ghaldaqstant ma kellux triq ohra hlief li jcedi l-proceduri tad-divorzju u jimmanipula dawn il-proceduri odjerni.

Fuq kollox, kien jispetta lill-attur li jipprova l-pagamenti ta' manteniment li jallega li ghamel lill-konvenuta. Dan ipprova jaghmlu billi pprezenta prospett mhejji minnu stess fejn jindika s-somma li allegatament hallas ghal kull xahar tul is-sena liema perjodu beda mit-3 ta' Ottubru, 2009 sat-3 ta' Gunju, 2021.

Bir-rispett kollu, dina l-Qorti ma tistax tistrieh fuq dan il-prospett li pprezenta l-attur minghajr ma ssostanzjah b'dokumenti appositi. Alla hares dina l-Qorti kellha taccetta kull prospett bhala prova konklusiva. Ghaldaqstant, f'dan ir-rigward, l-attur naqas li jipprova li ghamel dan il-hlas anke fuq bazi ta' probabilita'.

Inoltre, tramite l-partner tieghu DM jittenta jipprova li kien jigbed il-flus regolarment mill-ATM sabiex ihallas manteniment u l-prassi kienet li kien ipoggi l-flus gewwa envelope u jixhethom fil-letter box u jibghat messagg jew icempel lit-tfal sabiex jigbruhom. M tittenta ssahhah il-hlas tal-manteniment tramite l-esebizzjoni ta' envelopes li tallega li

fihom pogga l-flus ghall-manteniment tal-konvenuta u dan ghall-perjodu bejn Awissu 2021 u Marzu 2022.

Hija haga stramba li l-attur ma hassx li kellu jixhed dwar dawn l-envelopes jew tal-inqas jipprezentahom, izda kellha tkun is-siehba tieghu li ftakkret dwarhom. L-attur kien ikun iktar konvincenti li kieku ressaq lir-rapprezentanti tal-banek lokali sabiex jikkonfermaw it-transazzjonijiet li qed jirreferi u jallega li ghamel.

Inoltre, l-kredibbilita' tal-attur hija iktar dubjuza meta l-istess uliedu jikkonfermaw li l-attur kien ihallilhom l-manteniment fl-envelopes mill-bidu u li kien ikun fihom €400 generalment u kienu jifthuhom quddiem il-konvenuta. Jikkonfermaw li gieli kien hemm inqas u li qatt ma kien hemm il-manteniment ghall-konvenuta u di piu' qatt ma kien hemm xejn miktub fuq l-istess envelope.

Huwa ghalhekk difficli biex tigi mwemmna l-verzjoni tal-attur u ta' DM meta huma stess lanqas jaqblu min minnhom ha r-ritratti ta' dawn il-famuzi envelopes.

Hija ukoll wisq koincidenza li ftit qabel is-seduta tat-3 ta' Marzu, 2022, il-konvenuta kienet irceviet envelope li kien jikkontjeni fih il-manteniment fl-ammont ta' €200 ghall-perjodu bejn il-25 ta' Frar, 2022 sal-24 ta' Marzu, 2022 u l-istess ghall-perojodu 25 ta' Marzu, 2022 sal-24 ta' April, 2022, liema envelopes, l-istess konvenuta tat lura tramite l-avukat taghha peress li qatt ma kienet irceviet dawn l-envelopes bil-manteniment fih. Dan huwa kkorroborat ukoll minn ulied il-partijiet N u E. Dan kollu mhux kontradett mill-attur.

Sabiex it-tesi tal-konvenuta tigi sostnuta izjed, Johanna Bartolo in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. tikkonferma li l-*bank draft* li gie mahrug kien skadut u qatt ma ssarraf u skond DM, is-siehba tal-attur kienet harget dan il-*bank draft* fl-ammont ta' €200 ghall-konvenuta hi stess peress li l-card tal-attur ma kinitx qed tahdem.

Inoltre, fis-sottomissjonijiet tieghu, l-attur naqas li jikkummenta dwar il-fatt li kien iddeposita xi manteniment permezz ta' cedoli ta' depozitu l-Qorti u dawn kienu jkopru l-perjodu bejn il-25 ta' Frar, 2022 sal-14 ta' Ottubru, 2022 u iehor ghall-poerjodu bejn il-25 ta' Frra, 2023 u l-24 ta' Lulju, 2023 fl-ammonti ta' €1,959.36 u €972.69. Ghaldaaqstant, ma jirrizultax li kien hemm zbank ta' dawn ic-cedoli u l-attur ma jistax jippretendi li jinghata rrifuzjoni taghhom ukoll.

M'hemmx kontestazzjoni li l-attur dejjem hallas il-manteniment ghall-uliedu u bhala forma ta' transazzjoni, waqt li kienu ghaddejjin il-proceduri ghall-varjazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni, li mbaghad l-istess attur ceda, kien hemm avvicinament mill-attur sabiex jigi varjat il-kuntratt fis-sens li l-konvenuta ccedi l-manteniment taghha, filwaqt li jibqa' jhallas manteniment ghat-tfal sakemm jaghlqu 27 sena. Wara li

sar l-abbozz, l-attur qatt ma rrisponda ghal dak li kien effettivament propost minnu, pero' cio*nonostante* baqa' jhallas sakemm it-tfal ghalqu 26 sena.

Fuq ammissjoni tal-attur stess ma kienx hallas iz-zieda fil-manteniment li kellu appositament jizdied kull tlett snin skond l-gholi tal-hajja u l-istess kien japplika ghall-manteniment tal-konvenuta. Il-Qorti taqbel mal-kalkulazzjonijiet raggunti mill-konvenuta, fejn l-ammont dovut mill-attur ghaz-zieda tal-manteniment skond l-gholi tal-hajja jammonta ghal €3,218.44 u ghaldaqstant l-attur ma jistax jippretendi li jigu rifuzi lilu dawn l-ammonti.

Tenut ta' dan kollu, l-attur naqas li jipprova sufficentement li effettwa l-hlas tal-manteniment dovut lill-konvenuta tul dawn l-ahhar tlettax-il sena (li suppost huma tnax-il sena peress li gie stabbilit li ilu minn dan iz-zmien li l-konvenuta bdiet ir-relazzjoni taghha ma' PC) u ghalhekk ma jistax jippretendi li jinghata rifuzjoni taghhom.

Dan apparti l-fatt li tul dan iz-zmien kollu, minkejja li l-attur kien konsapevoli li l-konvenuta ghandha relazzjoni ma' PC, qatt ma imposta proceduri fuq id-dekadenza ta' manteniment minhabba adulterju kommess da parti tal-konvenuta u minflok ghamel 10 snin, jiftah u jaghlaq kawzi minn varjazzjoni ta' manteniment, ghall-divorzju li spicca biex ceda a skapitu tal-konvenuta u ghalhekk it-talba tieghu ghar-rifuzjoni retroattiva hija totalment ingustifikabbli."

6. <u>L-attur</u> (minn issa 'l quddiem ukoll l-Appellant) appella <u>b'rikors</u> intavolat fil-<u>11 ta' Novembru, 2024</u> li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm minnu miġjuba, talab lil din il-Qorti

> "1. Tilqa l-ewwel (1) aggravju tal-appellanti u kwindi tħassar u tirriforma s-sentenza appellata [...] in kwantu laqghet t-tieni talb attriċi u ddikjarat li l-konvenuta permanentement iddekadiet mid-dritt li tirċievi manteniment minghand l-attur b'effett mid-data ta' dina s-sentenza u cioe l-15 ta' Ottubru , 2024, u tghaddi sabiex tiddikjara illi d-data tad-dekadenza kellha tkun tnax (12)-il sena qabel id-data tas-sentenza u cioe minn meta l-appellanta stess ammettiet fl-atti li kienet bdiet relazzjoni adultera ma ċertu PC;
>
> 2. Tilqa it-tieni (2) aggravju u kwindi tħassar u tirriforma s-sentenza appellata [...] in kwantu laqghet t-tieni talba attriċi iżda naqset milli tipprovdi dwar l-ewwel parti tat-talba u cioe naqset li Tistabbilixxi d-data li fih gie kommess l-adulterju u tghaddi sabiex tiddikjara illi d-data tal-adulterju hija tnax-il sena qabel;
>
> 3. Tilqa it-tielet (3) aggravju tal-appellanti u kwindi tħassar u tirriforma s-sentenza appellata mogħtija mill-ewwel Onorabbli Qorti [...] in kwantu laqghet it-tielet talba u ddecidiet li b'effett mid-data ta; dina s-sentenza u cioe l-15 ta' Ottubru, 2024, spiċċa d-dritt tal-konvenuta li teżiġi l-manteniment ghaliha minghand l-attur *ai termini* tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 25 ta' Settembru, 2009, u tghaddi sabiex tilqa t-

> talba fl-intier taghha u tiddikjara illi l-konvenuta d-dekadiet mid-dritt taghha li teżiġi manteniment ghaliha minghand l-attur tnax-il sena ilu;
>
> 4. Tilqa r-raba (4) aggravju u kwindi tħassar u tirriforma s-sentenza appellata [...] in kwantu cahdet ir-raba u l-hames talbiet tal-appellant u tghaddi sabiex tilqa dawn it-talbiet u tghaddi sabiex *Tillikwida l-manteniment li jirrizulta, ghalhekk, li gie mhallas indebitament mill-esponent lill-konvenuta, mid-data li fiha jkun stabbilit li hija rrendiet ruhha hatja ta' adulterju fil-konfront tieghu sad-data tas-sentenza u Tordna lill-konvenuta thallas lura lill-esponent il-manteniment li jirrizulta li thallas lilha mill-esponent indebitament flimkien ma' l-imghax legali relattiv u kif ukoll sabiex tirrifondi lill-attur dik is-somma li tiġi stabbilita bħala rifondibbli lilu ai termini tal-artikolu 25 (2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> 5. Tilqa il-hames (5) aggravju u kwindi thassar u tirriforma s-sentenza appellata mogħtija mill-ewwel Onorabbli Qorti [...] in kwantu iddeċidiet illi l-ispejjez ghandhom jiġu sopportati kwantu ghal tlitt kwarti mill-attur, u kwnati ghal kwar mill-konvenuta u minflok tiddeċiedi li dawn ikunu a karigu tal-appellata fl-intier".

7. Il-konvenuta (minn issa 'l quddiem ukoll l-Appellata) ressqet ir-risposta tagħha fit-3 ta' Diċembru, 2024, fejn wara li tat ir-raġunijiet tagħha, talbet li l-appell interpost mill-attur jiġi miċħud bi spejjeż doppji u penali *ai termini* tal-Artikoli 223 (4) u 229 (9) tal-Kapitolu 12.

8. Il-Qorti, wara li rat l-atti kollha tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza bis-saħħa ta' l-**Artikolu 152 (5) tal-Kapitolu 12** tal-Liġijiet ta' Malta.

**L-Appell.**

**L-Ewwel Tliet Aggravji**.

9. Peress li l-**ewwel tlett aggravji** huma intrinsikament konnessi, din il-Qorti ser titratthom flimkien.

10. L-appellant jattakka s-sentenza appellata billi jgħid illi filwaqt li sabet lill-konvenuta ħatja ta' adulterju, ddikjarat li permanentement iddekadiet mid-dritt li tirċevi manteniment mingħand l-attur b'effett mid-data tas-sentenza u mhux minn għaxar snin qabel. Jgħid li l-appellata stess ammettiet li kienet ilha għal daqshekk żmien f'relazzjoni adultera ma' ċertu PC u jirreferi għal kontroeżami ta' CB li sar fit-28 ta' Novembru, 2023 fejn xehdet li l-konvenuta kienet ilha mal-għarus li għandha sa minn xhur wara li l-partijiet isseparaw. Peress li l-partijiet isseparaw fis-sena 2009, l-appellant jinsisti illi l-konvenuta ilha f'relazzjoni adultera sa minn tlettax-il sena ilu. Jirreferi wkoll għax-xhieda tal-konvenuta tas-27 ta' Jannar, 2022 li wkoll ikkonfermat ir-relazzjoni tagħha ma' PC.

11. Isemmi illi fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti stess iddikjarat li l-konvenuta kienet ilha f'relazzjoni għal madwar għaxar snin.

12. L-appellant jgħid illi ġialadarba l-Ewwel Qorti sabet li l-konvenuta kienet ilha għal madwar għaxar snin f'relazzjoni adultera, ma kelliex tiddikjara li ddekadiet permanentement mid-dritt li tirċievi manteniment b'effett mid-data tas-sentenza imma mid-data li l-Ewwel Qorti kellha tistabbilixxi bħala minn meta dik ir-relazzjoni adultera bdiet.

13. Jirreferi għat-tieni talba attriċi fejn huwa talab lill-Ewwel Qorti tistabbilixxi d-data li fiha ġie kommess l-adulterju da parti tal-konvenuta. Jattakka s-sentenza appellata fejn ġie deċiż "Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-konvenuta permanentement iddekadiet mid-dritt li tirċievi manteniment mingħand l-attur b'effett mid-data ta' dina s-sentenza u ċjoè l-15 ta' Ottubru, 2024." Jgħid li t-talba kienet imfassla sabiex tiġi stabbilita d-data meta l-attriċi ddekadiet, marbuta mad-data li kellha tiġi stabbilita meta kkommettiet l-adulterju u għalhekk id-data tad-dekadenza kellha tkun disa' jew għaxar snin ilu u mhux id-data tas-sentenza.

14. Jgħid li t-tielet talba attriċi ġiet milqugħa b'tali mod li tmur kontra dak li tipprovdi l-liġi għaliex filwaqt li huwa talab lill-Ewwel Qorti sabiex "Tiddeċiedi li b'effett mid-data hawn fuq imsemmija (ie. id-data meta ġie kommess l-adulterju) spiċċa d-dritt ta' l-istess konvenuta li teżiġi l-manteniment għaliha mingħand l-esponent *ai termini* tal-kuntratt ta' separazzjoni.....", l-Ewwel Qorti ddeċidiet it-tielet talba billi "Tilqa' t-tielet talba attriċi u tiddeċiedi li b'effett mid-data ta' dina s-sentenza ... spiċċa d-dritt tal-konvenuta li teżiġi l-manteniment għaliha mingħand l-attur *ai termini* tal-kuntratt ...".

15. Jinsisti li l-adulterju huwa stat ta' fatt li jġib miegħu fuq min jikkommettih it-telfien tal-jedd li jitlob manteniment mingħand il-parti l-oħra fiż-żwieġ.

16. Jilmenta li l-Ewwel Qorti lagħet din it-talba b'tali mod li tikser dak li tipprovdi l-liġi għaliex ma qisitx li l-konvenuta tilfet il-jedd għall-manteniment minn meta kkommettiet l-adulterju. Jissottometti illi kien hu li qed iħallas manteniment lill-konvenuta u li għalhekk l-adulterju *o meno* tiegħu ftit li xejn jagħmel differenza fiċ-ċirkostanzi. Jgħid li bil-mod kif intlaqgħet it-tielet talba "tat komfort lil kull min hu adulteru li jibqa' jipperċepixxi l-manteniment".

17. Jinsisti illi ġialadarba l-Ewwel Qorti stess ikkonkludiet illi l-adulterju tal-konvenuta huwa ppruvat sal-grad rikjest mil-liġi u li saħansitra l-Ewwel Qorti sabet li dan ġie ppruvat li ġara snin ilu, ma kellhiex tgħaddi biex tiffissa d-data tal-adulterju bħala d-data tas-sentenza. Jgħid li tal-Ewwel Qorti "hija dikjarazzjoni żbaljata, inveritiera u dikjarazzjoni li tissanzjona xi ħaġa li tmur kontra l-prinċipji legali li l-adulterju jġorr miegħu d-dekadenza u għalhekk legalment skorretta".

18. Iżid jgħid li l-Ewwel Qorti ma setgħatx l-ewwel tiddikjara li l-konvenuta kienet ilha snin li bdiet ir-relazzjoni adulterja tagħha mbagħad

ma tistabbilixxix id-data tal-adulterju u d-data tad-dekadenza marbuta magħha.

19. L-appellata tilqa' għal dawn l-ewwel tliet aggravji billi tgħid li dawn it-tliet aggravji ma huma xejn ħlief ripetizzjoni tas-sottomissjonijiet li l-appellant kien għamel fin-nota tiegħu ta' sottomissjonijiet quddiem l-Ewwel Qorti.

20. Tissottometti li f'ċirkostanzi bħal dawn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni bis-saħħa tal-Artikolu 52 tal-Kodiċi Ċivili li għalkemm tistabbilixxi li seħħ l-adulterju mhux neċessarjament tiddikjara d-dekadenza mill-jedd għall-manteniment. Tissokta tgħid illi l-Ewwel Qorti għamlitha ċara fis-sentenza appellata illi kienet qed tapplika dik id-diskrezzjoni mogħtija lilha mil-liġi u applikat dik id-diskrezzjoni "billi ma stabbilixxietx id-data ta' l-adulterju kif rikjest mill-appellanti fid-dawl tal-fatt illi l-appellant innifsu irriżulta li kien adulteru sia qabel is-separazzjoni bonarja, kif ukoll wara tali separazzjoni". Tissottometti li kuntrarjament għal dak sottomess mill-appellant, l-adulterju tiegħu kien rilevanti meta l-Ewwel Qorti ġiet sabiex teżerċita d-diskrezzjoni tagħha. F'dan ir-rigward issemmi kif l-appellant ma appellax id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti sa fejn sabet illi anke l-appellant kien ħati ta' adulterju.

21. Tgħid li l-Ewwel Qorti immotivat sewwa d-deċiżjoni meta applikat id-dekadenza b'effett mid-data tas-sentenza u mhux minn data qabel peress li kkonkludiet li l-appellant għal snin sħaħ naqas milli jindirizza l-kwistjoni ta' l-adulterju ta' martu meta kien konsapevoli tar-relazzjoni adultera tagħha. Tissokta tissottometti illi fir-rikors tal-appell tiegħu l-appellant naqas li jsemmi illi hu kien ilu minn Novembru 2011 jikkontendi li l-konvenuta kellha relazzjoni adultera ma' PC; naqas li jsemmi li fis-sena 2011 beda proċeduri ta' medjazzjoni kif ukoll rikors fejn jallega l-adulterju tal-konvenuta; naqas li jsemmi li f'Jannar 2013 ippreżenta rikors ġenerali fejn semma l-adulterju tal-appellata, rikors li ġie miċħud; u li naqas li jsemmi li fis-sena 2014 intavola kawża jitlob varjazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni minħabba l-adulterju tal-konvenuta liema kawża huwa ċeda wara seba' (7) snin. Issemmi kif fl-appell tiegħu l-appellant ma ressaq l-ebda aggravju dwar il-kunsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti marbuta mad-diskrezzjoni li hija eżerċitat.

22. Tagħmel referenza għat-talbiet attriċi numri tnejn u tlieta u tgħid li bil-mod kif inhuma mpustati huwa l-attur stess li qed jitlob lill-Qorti tistabbilixxi d-dekadenza jew mid-data li tistabbilixxi li ġie kommess l-adulterju jew "b'effett minn kwalsiasi data oħra li jidhrilha xierqa u opportuna". Skont l-appellata, l-attur kien konxju li l-qorti għandha diskrezzjoni meta tiġi sabiex tapplika d-dekadenza.

23. Tikkontesta l-kumment tal-appellant li bid-deċiżjoni tagħha l-Ewwel Qorti "bierket l-adulterju" u li "ippremjat lill-appellata" meta skont l-appellata kien l-aġir tal-konvenut li wassal lill-Ewwel Qorti sabiex fid-diskrezzjoni tagħha stabbilit id-data tas-sentenza bħala d-data tad-dekadenza.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**.

24. Bħala konsiderazzjoni ġenerali tajjeb jiġi sottolineat illi ż-żwieġ iġib miegħu l-obbligu reċiproku tal-manteniment (**Artikolu 3 tal-Kodiċi Ċivili)**, kif ukoll l-obbligu tal-fedeltà. Bis-separazzjoni jispiċċa l-obbligu tal-koabitazzjoni. (**Artikolu 34 tal-Kodiċi Ċivili**). M'hemmx dispożizzjoni simili fir-rigward tal-obbligu tal-miżżewġin u għalhekk huwa meqjus illi wara s-separazzjoni personali filwaqt li jispiċċa l-obbligu tal-koabitazzjoni, l-obbligu tal-fedeltà jibqa' intatt. (**Artikolu 2 tal-Kodiċi Ċivili**). (ara **JG v. MRG** - Appell Superjuri - 5 ta' Marzu, 2020). X'jistgħu jkunu l-konsegwenzi fuq min jinstab ħati għat-tkissir taż-żwieġ huma elenkati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili filwaqt li Artikolu 52 tal-istess kodiċi jipprovdi dwar id-diskrezzjoni wiesgħa li għandha l-qorti f'dawn iċ-ċirkostanzi:

**Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili.**

Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra.

**Artikolu 48 (1) (d) tal-Kodiċi Ċivili**

> "(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –
>
> [...]
>
> (d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ."

**Artikolu 52 tal-Kodiċi Ċivili**:

> "Hu mħolli wkoll f'idejn il-qorti li tiddeċidi, skont iċ-ċirkostanzi, jekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 għandhomx igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkella, m'għandhomx igħoddu għal ħadd minnhom, jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija (ħatja) ta' għemil li jagħti lok għall-firda."

25. Huwa assodat fis-sistema ġuridika tagħna, li *nonostante* s-separazzjoni personali dikjarata mill-qorti jew permezz ta' kuntratt pubbliku, iż-żewġ konjuġi jibqgħu marbutin bil-vinkolu matrimonjali u ma jiġux meħlusin bis-separazzjoni ħlief mill-obbligu tal-assistenza morali, il-konvivenza matrimonjali u f'ċerti każijiet, mill-manteniment reċiproku. Is-separazzjoni legali ma teħlisx lill-partijiet milli jibqgħu fidili lejn xulxin.

26. "*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali*"[1] u kapaċi ġġib magħha fuq min jikkommettih konsegwenzi serji kif kontemplati fil-Kodiċi Ċivili.

27. Fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti sabet li l-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ tinsab ugwalment fuq iż-żewġ partijiet peress li kkonkludiet li t-tnejn li huma kienu f'relazzjoni li tikkostitwixxi adulterju fir-termini tal-Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili. Ħadd mill-partijiet ma appella mid-deċiżjoni safejn sabet liż-żewġ partijiet responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ tagħhom minħabba adulterju. Din il-parti tas-sentenza hija għalhekk illum ġudikat.

***Dwar tibdil fil-kuntratt ta' separazzjoni***

28. Jibda biex jiġi osservat li dwar talba għall-varjazzjoni tal-istipulazzjonijiet misjuba f'kuntratt ta' separazzjoni personali konsenswali, l-pożizzjoni legali kif abbraċċjata mill-ġurisprudenza interpretattiva hija li:

> "fejn *si tratta* ta' ftehim per via ta' kuntratt għandu wkoll igħodd fermament il-prinċipju ta' *pacta sunt servanda*. Il-qrati tagħna, minkejja li fil-bidu jirriżulta li addottaw pożizzjoni riġida, anzi waħda inflessibbli, meta ġew rinfaċċjati b'talbiet għar-reviżjoni u/jew varjazzjoni ta' retti alimentari li jkunu gew miftiehma bejn il-konjuġi stess, mal-milja taż-żmien ħassew in-neċessità li fl-interess tal-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull liġi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkonċedu illi taħt ċertu ċirkostanzi li ġew kwalifikati bħala "ta' natura gravi, eċċezzjonali jew indipendenti mill-volontà tal-attur li ġabuh fl-impossibilità li jħallas ir-retta alimentari, allura f'każi simili jista' jkun hemm lok għal varjazzjoni [...] [f'każ ta' manteniment pattwit]

[1] **Hugh Greengrass v. Lucia Greengrass**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tit-2 ta' Ottubru, 2003

> wieħed għandu jippreżumi li trattandosi hawn ta' ftehim ta' separazzjoni bonarja u mhux ko-atta jew forzata, li l-partijiet ftiehmu fl-aħjar interess tagħhom it-tnejn." (bran minn **AG v. PG** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-16 ta' April, 2004).

29. Meta f'kuntratt ta' separazzjoni konsenswali l-ħlas tal-manteniment pattwit ma hu soġġett għall-ebda kondizzjoni ta' dekadenza, fin-nuqqas ta' stipulazzjoni espressa fil-kuntratt li tippermetti riduzzjoni jew tneħħija tal-manteniment f'każ ta' adulterju, it-tneħħija tal-manteniment tista' ssir biss jew bil-kunsens tal-partijiet jew b'sentenza tal-Qorti wara li tistabbilixxi l-ħtija tal-firda minħabba l-adulterju; allavolja l-partijiet ikunu ġia legalment separati. (ara **CZ v. JZ** deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-23 ta' Ottubru, 2007 (mhux appellata); u **AB vs C sive DB** deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fit-30 ta' Ġunju, 2016 (mhux appellata)).

30. Il-Kodiċi Ċivili ma jipprovdix li kuntratt ta' separazzjoni personali jista' jiġi emendat fl-eventwalità ta' adulterju ta' xi parti; filwaqt li jagħti tali fakoltà fejn *si tratta* ta' klawsoli oħra, *ad exemplum* klawsoli dwar kura u kustodja tal-ulied. Peress li l-artikolu marbut mad-dekadenza mill-jedd għall-manteniment huwa marbut mad-dikjarazzjoni ta' ħtija f'kawża ta' separazzjoni personali, hija ġurisprudenza kostanti li qorti ma tistax tilqa' talba għal dikjarazzjoni ta' dekadenza mill-jedd għall-manteniment u għat-tħassir tal-klawsola relattiva f'kuntratt ta' separazzjoni personali jekk

mhux akkumpanjata minn talba għal separazzjoni personali minħabba l-allegat adulterju.

31. Kif inżamm fis-sentenza **ES v. PS** mogħtija minn din il-Qorti fit-13 ta' April, 2018:

> «Jidher għalhekk illi xi parti li tkun ġja legalment separata, u tallega li l-parti l-oħra hija ħatja ta' adulterju u allura ddekadiet mid-dritt tagħha li tirċievi manteniment, m'għandhiex rimedju msejjes fil-Kodiċi Ċivili.
>
> Hija l-ġurisprudenza tagħna li provdiet rimedju f'każ bħal dan u neħħiet din il-lakuna mil-liġi, u dana stante li l-Qrati tagħna stabbilixxew illi l-fatt li partijiet ikunu ġja separati, m'huwiex ta' ostaklu għal xi parti li jitlob is-separazzjoni mill-ġdid, għab-bażi ta' fatti li avverew ruħhom wara l-għoti tal-ewwel sentenza jew tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni personali.»

***Ċirkostanzi ġodda sabiex tiġi ppronunzjata mill-ġdid separazzjoni personali***

32. Ġie diversi drabi ritenut mill-ġurisprudenza in materja li l-Qorti tista' tippronunzja mill-ġdid is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għal raġunijiet differenti minn dawk li jkun ġie stabbilit li taw lok għas-separazzjoni legali ppronunzjata b'sentenza tal-qorti jew b'effett ta' kuntratt ta' separazzjoni personali, diment li dawn iċ-ċirkostanzi ġodda jkunu avveraw ruħhom wara l-pronunzjament tas-separazzjoni. Sentenza dwar dan l-aspett tal-vertenza kienet ingħatat lura fis-16 ta' Novembru, 1965 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili presjeduta mill-Imħallef Edoardo Magri fil-kawża **GMB nomine v. HMK** fejn ġie miżmum:

«Li qabel xejn, għandu jiġi rilevat, li l-konvenut jinsab obbligat jagħti l-alimenti lil martu mhux biss bis-saħħa tal-klawsola espressa fil-kuntratt ta' seperazzjoni, iżda in forza tal-liġi, billi dan l-obbligu jitwieled miż-żwieġ.

Li għalhekk biex il-konvenut ikun jista' jwaqqaf dana l-obbligu għandu jipprova b'suċċess kawżali oħra, li fil-każ hija l-adulterju ... fejn tiġi dedotta l-kawżali soppraġġunta għal firda oriġinali bħala motiv ta' dekadenza tal-mara mid-dritt tagħha għall-alimenti naxxenti mil-liġi.

Li tant fid-dottrina ġuridika kif fil-ġurisprudenza nostrana nsibu affermat il-prinċipju li l-fatt li bejn il-miżżewġin ġa ġiet mogħtija sentenza ta' separazzjoni personali (fil-każ preżenti kuntratt ta' separazzjoni) kontra wieħed mill-konjuġi ma hux ta' ostakolu illi l-konjuġi dikjarat ħati f'dik is-sentenza jitlob is-separazzjoni tiegħu kontra l-konjuġi l-ieħor għal ħtijiet ta' dana fuq fatti li graw wara s-sentenza

[...]

"Ir-raġel li jkun mifrud minn martu ma jistax jippretendi d-dekadenza ta' martu mid-dritt għall-alimenti tagħha kontra tiegħu mingħajr ma jagħmel qabel kawża ta' separazzjoni personali fuq kawżali ta' adulterju, li kienet eskluża fil-motivi ta' separazzjoni u ssoppravveniet wara»[2]

33. Hekk ukoll f'sentenza li tmur aktar lura, **AB v. MB** tal-24 ta' Marzu, 1954[3], il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili presjeduta mill-Imħallef VJCC, qalet li:

"xejn ma jiswa' li l-partijiet huma separati għaliex dik is-separazzjoni tagħmel stat bejniethom fuq il-fatt li tiddeterminaha, jiġifieri nkompatibilta' ta' karattru u raġunijiet oħra validi fil-liġi, iżda żgur mhux ukoll fuq adulterju għaliex fil-kuntratt ta' separazzjoni ġiet eskluża, jew aħjar ma saret ebda riserva għaliha, jekk kellu jinqala' l-każ, u ebda ostakolu ma jista' jkun hemm għal domanda ta' separazzjoni bejn l-istess kontendenti fuq fatti posterjuri"

---

[2] Vol. XLIX.ii.1056
[3] Vol. XXXVIII.ii.466

34. Fl-istess sens hi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tas-26 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet **FB v. JB gia' B**. F'dik il-kawża l-attur kien talab id-dekadenza mid-dritt ta' alimenti fissat favur martu f'kuntratt ta' separazzjoni personali. Talab ukoll rifużjoni ta' ammont ta' alimenti mħallsa, għar-raġuni allegata minnu li l-konvenuta kkommettiet adulterju wara li sar l-imsemmi kuntratt. Il-Qorti tal-Appell "*tissottolinja li l-konsegwenzi li jissemmew fl-Artikolu 48 u 52 tal-Kodiċi Ċivili huma proprjament applikabbli f'kawża fejn ikun hemm talba ad hoc sabiex tkun ippronunzjata l-firda bejn il-konjuġi. Din ir-regola toħroġ mil-lokuzzjoni ċara tal-liġi stess kif ukoll mill-insenjament kontenut fid-dottrina u fil-ġurisprudenza tat-tribunal taghna*".

35. Wara kollox, kif ġie affermat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **CC pro et noe v. AJC** mogħtija fil-11 ta' Frar 1966:

> «F'dawn ic-cirkostanzi l-appellant ma' ghandux mod iehor skont il-ligi kif jista' jezonera ruhu mill-obbligu tieghu li jmantni lil martu hlief billi jottjeni, jekk jista', dikjarazzjoni tad-dekadenza taghha minn dan id-dritt f'kawza ta' separazzjoni.»

36. Applikati l-liġi u l-ġurisprudenza rilevanti għall-appell li għandna quddiemna, għandu jingħad li sabiex tali dritt tal-konvenuta għall-ħlas ta' manteniment mingħand l-attur jiġi revokat, jeħtieġ li jiġi stabbilit illi l-konvenuta kisret wieħed jew aktar mill-obbligi tagħha naxxenti mill-vinkolu matrimonjali li jwassal għat-telfien tad-dritt li tipperċepixxi l-

manteniment mingħand żewġha. F'dan il-każ, l-attur jallega li l-konvenuta rrendiet ruħha ħatja ta' adulterju fil-konfront tiegħu.

37. Ma hemmx kuntrast bejn il-partijiet li l-konvenuta qiegħda f'relazzjoni adultera u li din ir-relazzjoni ilha għaddejja 'il fuq minn għaxar snin.

38. Jonqos għalhekk naraw jekk f'tali ċirkostanzi, fl-ewwel lok jekk l-Ewwel Qorti għandiex is-setgħa li għalkemm issib li ġie kommess adulterju, ma tordnax id-dekadenza mill-jum li fih tistabblixi li ġie kommess l-adulterju, imma minn data posterjuri; u fit-tieni lok, f'każ affermattiv li għandha tali diskrezzjoni, jekk l-Ewwel Qorti eżerċitatx id-diskrezzjoni tagħha fit-termini tal-liġi applikabbli.

39. Kif rajna, skont **Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili** min mill-konjuġi huwa ħati tal-firda minħabba adulterju, jitlef "(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ." Fl-istess ħin, Artikolu 48 huwa sieket dwar il-manteniment li jkun ġia tħallas qabel id-dikjarazzjoni tat-telfien tal-jedd li parti fiż-żwieġ titlob manteniment mill-parti l-oħra.

40. Minn qari ta' **Artikolu 52 tal-Kodiċi Ċivili** jirriżulta bl-aktar mod ċar illi fejn *si tratta* ta' dekadenza mill-jedd għall-manteniment bejn il-konjuġi,

il-Qorti għandha diskrezzjoni wiesgħa ħafna. Dan l-artikolu jipprovdi illi f'każ li jirriżulta li ż-żwieġ tkisser minħabba adulterju kommess minn xi ħadd mill-konjuġi (jew mit-tnejn); jew minħabba abbandun li jtul aktar minn sentejn, il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, skont iċ-ċirkostanzi:

(i) Jekk tapplikax jew le s-sanzjonijiet kontemplati f'Artikolu 48 (inkluż il-jedd għall-manteniment) kontra min instab li kkommetta adulterju u/jew abbandun kif imsemmi;

(ii) F'każ li l-Qorti ssib li ż-żewġ konjuġi huma ħatja ta' adulterju u/jew abbandun, għandha d-diskrezzjoni li tapplikhom fil-konfront tat-tnejn, jew inkella tapplikhom fil-konfront ta' konjuġi u mhux ukoll fil-konfront tal-konjuġi l-ieħor jew l-oħra; jew inkella li ma tapplikhom kontra l-ebda mill-konjuġi;

(iii) Jekk tiddeċiedi li tapplika s-sanzjonijiet kontemplati f'Artikolu 48, għandha d-diskrezzjoni li tapplikhom fil-massimu tagħhom, jew inkella f'forma ridotta;

41. Kif jipprovdi l-istess Artikolu 52, fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tal-Qorti, kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.

42. Għalhekk, m'għandux raġun l-appellant meta jgħid illi l-adulterju minnu kommess m'għandu l-ebda rilevanza dwar minn meta kellha l-Ewwel Qorti tordna li l-konvenuta ddekadiet mill-jedd li titlob manteniment.

43. Fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti għamlet diversi kunsiderazzjonijiet ben motivati dwar għaliex kienet qed tiddeċiedi li tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjoni tat-telfien tal-jedd għall-manteniment b'effett mid-data tas-sentenza u mhux b'effett minn meta bdiet ir-relazzjoni adultera.

44. Ir-raġunijiet li waslu lill-Ewwel Qorti tiddeċiedi b'dak il-mod huma fil-qosor dawn li ġejjin:

(i) Hemm kuntrast bejn il-partijiet dwar minn meta bdiet ir-relazzjoni adultera tal-konvenuta. Emmnet il-verżjoni tal-konvenuta, korroborata bix-xhieda tal-kuġina tal-attur. Ikkonkludiet li r-relazzjoni tal-konvenuta mat-terz bdiet bejn sentejn u tliet snin wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt tas-separazzjoni personali.

(ii) L-obbligu tal-fedeltà sew qabel kif ukoll wara l-kuntratt ta' separazzjoni kien fuq iż-żewġ partijiet;

(iii) L-attur kien ġia f'relazzjonijiet adulteri ma' aktar minn mara waħda "minn żmien sew qabel" il-kuntratt ta' separazzjoni;

(iv) "Il-*fatto* sta li l-konvenuta hija vittma tal-adulterju tal-attur li kkommetta waqt iz-zwieg u minflok jippretendi li ghalkemm kellu u ghandu siehba wara s-separazzjoni dan ma kienx adulterju u l-konvenuta biss kienet l-adultera li ghandu jwassal ghad-dekadenza taghha mill-manteniment a vantagg tieghu. A bazi ta' dina d-diskrezzjoni dina l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tichad it-tieni u t-tielet talba";

(v) L-attur kien ilu jaf sa mis-sena 2011 li l-konvenuta kienet f'relazzjoni ma' ħaddieħor u dam għaxar snin (fis-sena 2021) sabiex jiftaħ il-kawża tal-lum. Dan għandu jimmilita kontra l-pretensjoni tal-attur;

(vi) Iċċitat ġurisprudenza in sostenn tad-deċiżjoni tagħha li b'eżerċizzju tad-diskrezzjoni lilha mogħti bis-saħħa tal-Artikolu 52 tal-Kodiċi Ċivili, tordna d-dekadenza b'effett mid-data tas-sentenza.

45. Minflok ma l-appellant indirizza r-raġunijiet li waslu lill-Ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha bil-mod kif eżerċitatha, injora kompletament ir-raġunament tal-Ewwel Qorti u baqa' jinsisti, kif għamel fil-prim'istanza, li l-Ewwel Qorti kienet marbuta mhux biss li tistabbilixxi meta ġie kommess l-adulterju imma wkoll li tordna d-dekadenza minn tali data.

46. Għandha għalhekk raġun l-appellanti meta fir-rirsposta tagħha tgħid li l-appell imressaq mill-attur jonqos milli jindirizza l-kunsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti li wassluha tikkonkludi li d-dekadenza mill-jedd tal-manteniment tal-konvenuta tibda b'effett mid-data tas-sentenza.

47. Minflok ma ressaq sottomissjonijiet dwar jekk il-Qorti tal-ewwel grad kelliex id-diskrezzjoni li eżerċitat u/jew eżerċitatx dik id-diskrezzjoni konformament mal-liġi, l-appellant għażel li jinjora dan kollu u minflok jerġa jirriċikla l-istess sottomissjonijiet li ressaq quddiem l-Ewwel Qorti illi l-konvenuta ilha f'relazzjoni ma' **PC** mis-sena 2010. Din il-prattika ta' ripetizzjoni, quddiem din il-Qorti, tas-sottomissjonijiet ġia magħmula quddiem il-Qorti tal-prim'istanza ġiet diversi drabi meqjusa bħala prattika ċensurabbli għaliex appell kellu jiġi nkwadrat bl-aggravji li jirrelataw mal-konsiderandi tas-sentenza appellata. U lanqas ma l-aggravji għandhom jikkonsistu f'rielaborazzjoni tal-fatti. Dan għaliex kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **MS vs Dr DC** mogħtija fl-14 ta' Marzu, 2007: "*mhux suffiċjenti s-sempliċi kritika tad-deċiżjoni sfavorevoli formulata bi prospettazzjoni ta' interpretazjoni diversa u aktar favorevoli minn dik adottata*" minn qorti jew tribunal tal-ewwel grad (ara wkoll **GC v. RC** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fis-16 ta' Diċembru, 2002; **LD vs SZ** deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit-22 ta' Mejju, 2009).

48. In tema ta' diskrezzjoni tal-ġudikant, huwa meqjus li tali setgħa ġudizzjarja hija fost l-aktar importanti fis-sistema ġudizzjarju għaliex mingħajr tali diskrezzjoni, l-ġudikant jiġi ridott għal kreatura ta' rutina awtomatika aktar milli amministratur tal-ġustizzja. Mingħajr id-diskrezzjoni ġudizzjarja l-liġi tispiċċa set ta' dogma inflessibbli.

49. Hija prattika u ġurisprudenza kostanti li tmur lura sew fis-snin, li din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti ħlief jekk tkun manifestament żbaljata u għal raġunijiet gravi (ara **GP v. NG** - Appell Superjuri - 23 ta' Jannar, 1959; **EC et. v. Dr GB et** - Appell Superjuri - 10 ta' Jannar, 1995).

50. Għalkemm l-appellant naqas milli jindirizza r-raġunijiet li waslu lill-Ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha bil-mod li wassalha għad-deċiżjoni appellata, din il-Qorti, wara li eżaminat b'reqqa r-raġunijiet mogħtija mill-Ewwel Qorti, issib illi l-Ewwel Qorti kienet aktar milli ġustifikata li tikkommina s-sanzjoni kontemplata f'Artikolu 52 tal-Kodiċi Ċivili f'forma ridotta, kif kellha kull setgħa li tagħhmel.

51. Dwar l-ilment tal-appellant li l-Qorti naqset milli tistabbilixxi d-data minn meta l-konvenuta bdiet ir-relazzjoni adultera tagħha, huwa minnu li fil-parti dispożitiva tas-sentenza d-data ma ġietx imsemmija, imma fil-korp

tas-sentenza hemm dikjarat iswed fuq l-abjad li l-Ewwel Qorti kienet qed issib li l-konvenuta kienet ilha f'relazzjoni intima ma' terz sa mis-sena 2012.[4]

52. **Issib għalhekk l-ewwel tliet aggravji tal-appellant bħala infondati u qed tiċħadhom.**

**Ir-raba' aggravju**

53. Taħt ir-raba' aggravju, l-appellant jillamenta li l-Ewwel Qorti kellha tilqa' r-raba' u l-ħames talbiet tiegħu fis-sens illi l-konvenuta appellata kellha tiġi ordnata tirrifondi lura l-manteniment li huwa ta tul iż-żmien *stante* li hija kienet fi stat ta' adulterju.

54. Filwaqt li l-attur appellant jinsisti li huwa kien jagħtiha l-manteniment kif miftiehem fuq il-kuntratt ta' separazzjoni, il-konvenuti dan tiċħdu u ressqet diversi xhieda f'dan ir-rigward.

55. L-Ewwel Qorti sabet illi:

> "Tenut ta' dan kollu, l-attur naqas li jipprova sufficentement li effettwa l-hlas tal-manteniment dovut lill-konvenuta tul dawn l-ahhar tlettax-il sena (li suppost huma tnax-il sena peress li gie stabbilit li ilu minn dan iz-zmien li l-konvenuta bdiet ir-relazzjoni taghha ma' PC) u ghalhekk ma jistax jippretendi li jinghata rifuzjoni taghhom."

[4] Ara paġna 22 tas-sentenza appellata.

56. Hija kwistjoni ta' kredibilità. L-Ewwel Qorti emmnet lill-konvenuta u mhux lill-attur u qabel ma waslet għall-konklużjoni appena ċitata, tat raġunijiet validi fil-kunsiderazzjonijiet tagħha. Għalhekk, anke li kieku għas-saħħa tal-argument biss, l-ewwel tliet aggravji ġew akkolti, t-talbiet prinċipali għar-rifużjoni ta' manteniment allegatament imħallas kienet tiġi miċħuda. Peress li din il-Qorti ġia ċaħdet l-ewwel tliet aggravji u qed tikkonferma s-sentenza appellata li ddeċidiet li d-dekadenza da parti tal-konvenuta għandha tibda mid-data tas-sentenza appellata, ma hemm l-ebda utilità li nikkunsidraw f'aktar dettal ir-raba' aggravju.

57. Dwar l-ispejjeż, wara li din il-Qorti ħadet dak kollu rilevanti in konsiderazzjoni, tqis li ma hux indikat li tilqa' t-talba tal-appellata għall-kundanna tal-appellant għal spejjeż doppji jew spejjeż addizzjonali.

**Deċiżjoni**.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq mogħtija, din il-Qorti **tiċħad** dan l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Bl-ispejjeż ta' dan l-appell a kariku tal-attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da